**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-31 ta' Jannar, 2020**

**Talba Numru: 220/2019 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 45**

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu**

**Marsa**

**Vs**

**Razije k/a Rosie Vella (K.I. 567794M)**

**Josvin Flat 2**

**Triq il-Garzella**

**Mellieha**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba tas-socjeta' attrici pprezentat fl-20 ta' Awwissu 2019 li permezz tieghu talbet li l-konvenuta tigi ordnata thallasha s-somma ta' elfejn erba' mija tmienja u disghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€2,498.79c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40331484.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data tal-ewwel seduta quddiem dan it-Tribunal.

Ra li l-konvenuta ghalkemm debitament imsejjah baqghet ma deheritx ghas-seduta u lanqas kkontestat t-talbiet attrici.

Semgha x-xhieda tar-rapprezentanza tas-socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra s-subizzjoni tas-socjeta' attrici.

Ra li l-konvenuta regghet ma deheritx ghas-seduta tal-lum u li wara li rega semgha lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tikkonferma li l-ammont ghadu kollu dovut il-kawza giet deciza.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jordna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn erba' mija tmienja u disghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€2,498.79c) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**